MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Numru. 1297/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**KONTRA**

**MARIA CARMELA OULD KHESSAL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Maria Carmela Ould Khessal nee' Vella, bint Carmel u Doris nee' Camilleri, mwielda Naxxar nhar l- 1 ta' Mejju 1966, residenti fil- fond 28, Triq l- Mdina, Naxxar u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 209766(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli bejn il- 21 ta’ April 2009 u is- 27 ta’ Mejju 2009 gewwa Jubilee Café sitwat fi Triq Santa Lucija, Valletta, b’ diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u gew maghmula b ‘ risoluzzjoni wahda, bhala persuna li dahlet f’ dan il- fond minhabba s- sengha, professjoni jew impiegh taghha, ikkommettiet serq ta’ flus liema ammont jeccedi il- valur ta’ €232.94 izda ma jeccedix il- valur ta’ €2329.37, liema reat huwa agravat bil- valur, bil- mezz u bil- persuna ghad- detriment ta’ Anthony Scicluna detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 381672(M);

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat li l-imputata rregistrat ammissjoni fuq din l-imputazzjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, wara li nghatat zmien xieraq skond il-ligi sabiex tirrikonsidra din l-istess ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet li serqet il-flus indikati mill-post tal-impieg taghha fiz-zmien meta hi kienet tahdem mal-“Jubilee Café”, ghad-dannu ta’ Anthony Scicluna. Il-Qorti giet ukoll infurmata li fil-frattemp thallas ammont minn daq misruq originarjament. Inoltre, skond il-verbal ta’ llum stess, l-imputata qablet li thallas lura l-bilanc dovut minnha ta’ €1,260 Ewro f’ pagamenti mensili ta’ €315-il Ewro lil Scicluna. Tenut kont ta’ dan il-ftehim, il-Qorti trid tikkalibra l-piena u taccerta ruhha li dan il-pagament isir fl-intier tieghu fit-terminu moghti. In vista ukoll tal-fedina penali netta taghha, u tal-possibilita’ li ssib impieg iehor,

ikun ahjar jekk ma tinghatax sentenza ta’ prigunerija, l-anqas jekk din tkun sospiza. Biex tassigura ruhha li din il-modalita’ ta’ hlas tibqa’ effettiva, izda, il-Qorti sejra timponi ordni ta’ servizz fil-komunita’ fuq l-imputata, permezz ta’ Ordni ta’ Probation, li ser ikollha inkluza maghha ordni biex thallas l-ammont accettat minnha. B’ dan il-mod, jekk l-imputata tfalli mqar pagament wiehed biss, hi tigi li kisret l-Ordni ta’ Probation u l-Qorti jkollha tittratta maghha ghar-reat ta’ serq aggravat u taghti l-piena ta’ prigunerija effettiva skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 267, 268, 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tordna li titqieghed that Ordni ta’ Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 ghall-perijodu ta’ sena.
Tordna inoltre lill-imputata thallas is-somma ta’ elf, mitejn u sittin ewro (€1260) lil Anthony Scicluna fi zmien erba’ (4) xhur ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------